DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2004

(2006/841/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0102/2006),

1. Jinnota ċ-ċifri li ġejjin għall-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003 ([1])

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidji tal-Kummissjoni	17 600	18 100
Donaturi oħra	800	523
Dħul mixxelanju	80	17
Dħul finanzjarju	—	—
Dħul totali (a)	**18 480**	**18 640**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 36.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 75.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1648/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 22)
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Nefqa		
Persunal – Titolu I tal-baġit		
Pagamenti	11 122	10 771
Approprijazzjonijiet trasferiti	123	329
Amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit		
Pagamenti	1 213	1 076
Approprijazzjonijiet trasferiti	247	310
Attivitajiet ta' l-operat — Titolu III tal-baġit		
Pagamenti	3 449	3 396
Approprijazzjonijiet trasferiti	1 168	1 087
Dħul assenjat		
Pagamenti	260	237
Approprijazzjonijiet trasferiti	540	286
Nefqa totali (b)	**18 122**	**17 492**
Riżultat għas-sena finanzjarja (a - b)	**358**	**1 148**
Bilanċ mis-sena finanzjarja preċedenti	- 1 318	- 2 155
Approprijazzjonijiet trasferiti u kanċellati	204	375
Rimborżi lill-Kummissjoni	0	- 703
Differenzi fir-rata ta' kambju	- 4	17
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**- 759**	**- 1 318**

(1) Il-kont tad-dħul u l-infiq u l-karta tal-bilanċ iqisu biss l-attivitajiet speċifiċi tal-Fondazzjoni: huma ma jinkludux programmi mmaniġġjati f'isem il-Kummissjoni.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY